MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2010

Numru. 1140/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Haber**

**vs**

**Mabruk Saleh Rahuma**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Mabruk Saleh Rahuma ta’ 38 sena ta’ nazzjonalita’ Libjana, iben Saleh u Ambarka, imwieled fil-Libja fil-25 t’ Ottubru 1971, residenti 56A, Triq Pawlu Magri, Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 25374A gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-22 ta’ Ottubru 2009, u matul l-ahhar jiem f’dawn il-gzejjer impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kienx persuna ezenti u li ma kellux licenzja moghtija lilu ghal

dak l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Att ta’ Immigrazzjoni tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew b’xi mod iehor ghen jew assista persuna ezenti fl-ghemil ta’ reat mahsub taht l-Artikolu 32 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bhala l-persuna responsabbli tax-xoghol li kien qieghed isir gewwa ‘Al Pacino Take Away’, Triq il-Wilga, Paceville, impjega persuna li ma kienx cittadin ta’ Malta meta dan il-persuna ma kellux permess validu u ufficjali.

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bhala l-principal jew il-persuna li impjega persuna ohra, ‘full-time’, ‘part-time’ jew xort’ohra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10).

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar id-9 ta’ Gunju 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat l-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri, kif ukoll ikkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 32 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-Regolamenti 3(a) u 10 tal-Avviz Legali 110/1993, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------